# *Dun Hector Xerri*

## LITANIJA TA' L-UMILTÀ

Mulej, ikollok ħniena minni.
O Ġesù ta' qalb ħelwa u umli, ismagħni.
Mix-xewqa li nkun stmat...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun imfaħħar...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun imfittex...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun onorat...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun ippreferut...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun ikkonsultat...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun approvat...
Eħlisni O Mulej
Mix-xewqa li nkun magħdud bħala kbir...
Eħlisni O Mulej
Mill-biża' li nkun umiljat...
Eħlisni O Mulej
Mill-biża' li nkun iddisprezzat...
Eħlisni O Mulej
Mill-biża' li nkun imwarrab...
Eħlisni O Mulej
Mill-biża' li nkun ikkalunjat...
Eħlisni O Mulej

Mill-biża' li nkun minsi...
Eħlisni O Mulej
Mill-biża' li nkun imdieħak...
Eħlisni O Mulej
Mill-biża' li nkun inġurjat...
Eħlisni O Mulej
O Ġesù, agħtini l-grazzja...
Li ħaddieħor ikun aktar maħbub minni.
Li ħaddieħor ikun aktar stmat minni.
Li ħaddieħor ikun imfaħħar u jiena minsi.
Li ħaddieħor ikun ippreferut għalija.
Li ħaddieħor ikun qaddis aktar minni,
basta li jien inkun qaddis kemm jista' jkun.
O Marija, Omm ta' l-erwieħ umli...
Itlob għalija.
O San Ġużepp, Protettur ta' l-erwieħ umli...
Itlob għalija.
San Mikiel Arkanglu, li kont l-ewwel li rbaħt is-suppervja...
Itlob għalija.
O erwieħ li b'mod speċjali ġejtu mqaddsin bl-ispirtu ta' l-umiltà...
Itolbu għalija.
O Ġesù li l-ewwel lezzjoni tiegħek kienet "Tgħallmu minni li jiena ta' qalb ħelwa u umli," għallimni l-umiltà tal-qalb li kellek Int.

***Kardinal Rafael Merry del Val***
***(1865–1930)***

Mulej, min jaf kemmil darba nitħeġġeġ għal xi kelma li tgħidli imma mbagħad insibha ferm diffiċli li ngħixha! Din it-talba (jew litanija) "ta' l-umiltà" m'hix eċċezzjoni. Inti darba għedtilna biex inkunu nixbhuk u nkunu "ta' qalb ħelwa u umli" (Mt 11,29). Kemm hi kbira x-xewqa tiegħi li jkolli qalb li "kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (1 Kor 13,7). Imma meta nħares lejja nnifsi, meta ngħarbel ftit kliemi u l-ħsus ta' qalbi malajr nintebaħ kemm jien 'il bogħod. Tassew li "l-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef" (Mt 26,41).

Tassew inħossni dgħajjef. Nwiegħdek ħaġa mbagħad nagħmel oħra. Forsi nasal li bħal Pietru nistqarrlek: "Għalik jiena nagħti ħajti!" (Ġw 13,37). Mbagħad x'jiġri? Nsib ruħi dahri mal-ħajt, u jkolli l-wiċċ ngħid: "Le, ma nafux lil dan il-bniedem!" (Mt 26,72) Għallimni, Mulej, kemm għandi bżonnok. Mingħajrek ma nista' nagħmel xejn (ara Ġw 15,5). Għallimni niċċekken. Jeħtieġ li nickien jien biex tikber int (ara Ġw 3,30). Għallimni "t-triq iċ-ċkejkna" tiegħek, it-triq tas-sempliċità, it-triq ta' l-umiltà. F'dan tatna eżempju jiddi Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Inti tagħżel iċ-ċkejknin u 'l dawk li m'huma xejn biex tħawwad lil min hu għaref (ara 1 Kor 1,27). Dan hu l-mod kif taħdem Int. Dan hu l-paradoss kontinwu li naraw fil-ħajja tiegħek, Mulej: "Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott" (Ġw 12,24), u "Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef ħajtu minħabba fija jsibha" (Mt 10,39).

Mulej, din hi t-triq li turina. M'hix bħat-toroq tad-dinja li ssefsef ġewwa qalbi: "irfes fuq l-oħrajn, ibni karriera, agħmel isem, fittex il-glorja." Le, Mulej, triqtek hi ferm differenti. Inti tgħallimni li "kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 14,11). Tajtna eżempju ħaj meta awl il-lejl qabel ma tajt lilek innifsek għalina, int li ħabbejt lil tiegħek li kienu fid-dinja, ħabbejthom għall-aħħar (ara Ġw 13,1). Għamilt il-ħidma ta' lsir meta ħsilt riġlejn id-dixxipli tiegħek. F'ħajtek u fil-missjoni tiegħek poġġejtilna sfida quddiemna: li nfittxu mhux li nkunu moqdija imma li naqdu lill-aħwa kollha (ara Mk 10,45).

Kemm neħtiġuha l-umiltà biex infasslu ħajjitna fuq l-eżempju tiegħek! Il-Kardinal Merry del Val, saċerdot ta' qdusija kbira, kien xhud ta' dan. Kien Segretarju ta' l-Istat tal-Papa San Piju X. Kien bniedem ta' kapaċitajiet kbar, diplomatiku mill-aqwa, u kien jitkellem ħafna lingwi. Però, wasal żmien meta, biex ngħidu hekk, twarrab. M'hux ta' xejn li f'dil-gmiel ta' talba jitniehed u jgħid: *"Mix-xewqa li nkun imfittex, Eħlisni O Mulej... Mix-xewqa li nkun ikkonsultat, Eħlisni O Mulej."*

X'nobbiltà ta' spirtu! X'ezempju ta' disponibilità sħiħa! Nissel fija, Mulej, atteġġjament ta' qadi umli, hekk li fi tmiem il-jum inkun nista' nlissinlek: "Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu" (Lq 17,10). Din hi l-paċi li biha Int timlieli qalbi. Agħtini l-grazzja li ninsa lili nnifsi "biex inkun nista' nservik, biex inkun nista' nħobbok, biex jirnexxieli nisimgħek f'kull wieħed minn ħuti li Int tlaqqagħni miegħu" (G. Volpi). Għallimni nħoss għall-poplu tiegħek kif Int ħassejt għall-ġmiegħi li kienu jiġru warajk "bħal nagħag bla ragħaj" (Mt 9,36).

Nissel fija x-xewqa li nfittex il-ġid ta' l-oħrajn, li nkun qaddej tiegħek u ta' l-oħrajn, li nkun lest għal kollox, saħansitra li nkun imwarrab, minsi, inġurjat, iddisprezzat. Mulej, dan m'hux faċli. B'ilsieni nista' ndomm ħafna kliem sabiħ, imma bl-imġiba tiegħi nkun ferm 'il bogħod minnek. Dan hu li nħoss jien u nitlob it-talba ta' Merry del Val dwar l-umiltà. Nħossni tant imbiegħed mill-ispirtu tat-talba. Nħossni dgħajjef. Nħossni qabar imbajjad.

Mulej, anke meta nħossni dgħajjef, mbażża', bniedem li mhux dejjem inżomm kelmti miegħek, niftakar fi kliem San Pietru li meta ħass għafsa ta' qalb wara li Int staqsejtu jekk iħobbokx stqarr b'fiduċja għamja fik: "Mulej, Int taf kollox, Inti taf li nħobbok" (Ġw 21,17). U Inti tqawwili qalbi. Tgħidli: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef" (2 Kor 12,9). Tgħidli: Tibżax, jiena miegħek. Ejja ħdejja. Midd rasek fuq sidri bħalma għamel id-dixxiplu l-maħbub fl-Aħħar Ċena (ara Ġw 13,23). Isma' t-taħbit ta' qalbi. Ftakar

fl-istedina li nagħmillek, stedina li issa hi programm ta' ħajja: "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom" (Mt 11,28-29).